FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR L-24 TA' LULJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR NEVILLE AQUILINA
VS
CARMELO FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel sive Charles Farrugia, ta' 35 sena, bin Rokku u Antonia imwielda Tabone, imwieled Mqabba fit-8 ta' Frar 1961 u joqghod 4, St George's Street, Safi ID17261M talli f'dawn il-gzejjer, fil-31 ta' Mejju 1996, u fit-tnax il-xahar ta' qabel il-31 ta' Mejju 1996 f'Malta:

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga eroina u kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/I minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tan-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939), jew min xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni id-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina u kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba u s-sitt taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx b’licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni id-droga imsemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu id-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emmendat, u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali sabiex l-imputat jigi pprocessat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Krminali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat tal-14 ta’ Mejju 2002.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza.

Illi ghar-rigward tal-piena il-Qorti semghet lill-prosekuzzjoni tafferma illi l-imputat kien ikkoopera bis-shih mal-pulizija u li bis-sahha ta' tali ko-operazzjoni il-pulizija inghatat informazzjoni sabiex jkun jistghu jitressqu persuni ohra involuti fi traffikar ta' droga u li ghalhekk l-imputat jimmerita tnaqqis ta' piena taht l-Art 29 tal-kap 101

Din il-Qorti semghet id-difiza li apparti li hegget tali tnaqqis u fakkret lill-Qorti illi l-imputat huwa afflitt min mard terminali u li ma japplikawx ghalih l-ahhar emendi tal-ligi tad-droga stante li l-akkuza iggib id-data tal-31 ta' Mejju 1996.

Il-Qorti ghaldaqstant in vista ta' dana kollu u minhabba il-fatt illi l-imputat ikko-opera bis-shih mal-pulizija sabiex tkun tista tressaq persuni ohra involuti fi traffikar ta' droga, tikkundanna lill-imputat ghal seba xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f'arrest preventiv u dana wara li rat Reg 4 tal-GN 292/1939 kif emendat b'kap 101 u Taqsima 4 u 6 tal-kap 101, u Reg 8 tal-GN 292/1939 kif emendat bil-kap 101.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.